KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Rabat, Citta' Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR33/VIII/2022**

**It-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022.**

Saret laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 10 ta' Mejju, 2022 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri - Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier

**Skużati:-**
Is-Sur Michel Butigieg - Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**33.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**33.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri Michel Buttigieg u Maria Portelli.

**33.3 Jum il-Belt Victoria**

33.3.1 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill ilu sentejn ma jorganiżża l-attivitajiet ta' Jum il-Belt Victoria minħabba l-pandemija tal-Covid 19, u issa li l-affarijiet ġejjin kemmxejn għan-normal, ikun xieraq li l-Kunsill jorganizza attivitajiet in konnessjoni ma' dan il-jum. Il-membri qablu.

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt**
**Josef Schembri – Sindku Brian Azzopardi – Viċi Sindku**
**Kunsilliera – Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili, Maria Portelli.**

33.3.2 Il-membri qablu li l-Kunsill ikun wieħed mill-organizzaturi ta' Rock Astra, Leone Goes Pop, u l-Victoria International Arts Festival. Id-dati huma l-4 ta' Ġunju - RockAstra, l-10 ta' Ġunju - Leone Goes Pop u l-kunċert tal-ftuħ tal-Victoria International Arts Festival (VIAF) ikun ukoll fl-10 ta' Ġunju bil-ħin ikun qabel Leone Goes Pop. Il-membri qablu li m'għandux jinqabeż l-infiq ta' €2,500 għal kull attivita'.

33.3.3 Is-Sindku tenna li jkun xieraq ukoll li terġa tingħata l-Onorefiċenza, 'Ġieħ il-Belt Victoria'. Il-membri qablu li dan il-ġieħ jingħata lil dawk il-persuni li ssemmew f'dawn l-aħħar sentejn minn dan il-Kunsill. Dawn huma l-eks Sindku l-av. Dr. Samuel Azzopardi, l-eks Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group, is-Sur Lorry Saliba, George Vella Muscat li ta kontribut fil-kamp sportiv ġewwa Għawdex u fuq suġġeriment ta' Dun Geoffrey G. Attard, Ġieħ ir-Rabat jingħata wkoll lill-Mons. Ġużeppi Gauci u lill-Mons. Feliċ Tabone. L-attivita' għandha ssir is-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022, fi Pjazza Indipendenza. Qablu wkoll li jiġu mistiedna l-'*Brass Tubes*' sabiex idoqqu waqt is-serata u l-preżentatur ikun Matthew Sultana.

33.3.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir quddiesa ta' radd il-ħajr qabel l-attivita' tas-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022 fil-Knisja ta' San Ġakbu. Il-membri qablu.

33.3.5 Il-membri qablu li jitqabdu ż-żewġ għaqdiet tal-armar tal-festi kemm dik ta' Santa Marija u dik ta' San Ġorġ sabiex jintramaw l-antarjoli bil-bnadar u bil-bandalori tul Triq ir-Republika. Dawn għandhom jitħallsu kif jitħallsu meta jiġu ordnati jarmaw minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex.

33.3.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi organizzata ġita ta' ġurnata bil-katamaran fi Saqallija. Il-membri qablu li l-prezz għandu jkun ta' €130 li jkun jinkludi kollox. Din il-ġita għandha ssir il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, 2022. Minbarra r-riklam fuq *Facebook*, għandhom jitqassmu riklami permezz ta' flyers f'kull residenza fir-Rabat.

**33.4 *'New Energy efficient lighting system for St. George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'. LCF/16/2020 – update.***

33.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett tat-tibdil tal-fanali l-antiki taċ-ċentru tar-Rabat u ta' Pjazza San Ġorġ, tlesta fl-aħħar ta' Marzu 2022. Ġew mibdula l-fanali kollha fil-parti il-qadima tal-Belt Victoria u li kienu saru mill-ewwel Kunsill Lokali fis-snin disgħin. Il-proġett hu ffinanzjat mill-fondi tad-*Development Planning Fund* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Kunsill ser jibbenefika mill-massimu tal-fondi peress li dan il-proġett ġie ssapportjat minn Reġjun Għawdex.

33.4.2 Tressaq il-kont tal-kuntrattur ta' dan il-proġett li ġie ċertifikat mill-Enġiniera tad-dawl li qabbad il-Kunsill. Il-membri qablu li dan jiġi approvat u l-ewwel ħlas lill-kuntrattur għandu jkun il-fondi li l-PA diġa għaddiet lill-Kunsill fir-rigward ta' dan il-proġett.

33.4.3 Il-Viċi Sindku Azzopardi ġibed l-attenzjoni fir-rigward ta' Richard Cauchi li hu l-kuntrattur ta' dan il-proġett u l-persuna li l-Kunsill ilu jqabbad snin twal sabiex jieħu ħsieb il-manteniment tad-dawl tat-toroq. Azzopardi qal li xhur ilu kien propona li ssir bozza fil-bidu ta' Triq Francesco Masini, n-naħħa ta' Triq Mro. Dirjano Lanzon peress li kien hemm ħafna dlam. Tenna li l-kuntrattur ġabha ħafna bi tqila sabiex teħel din il-bozza li kien ilha ħafna li ġiet approvata mill-Kunsill. Qal li weħlet issa f'dawn il-ġranet għax il-kuntrattur kien jaf li fil-laqgħa tal-llum ried jersaq il-kont tal-proġett tal-fanali biex jiġi approvat mill-Kunsill. Azzopardi żied jgħid li hu mhux jitlob li t-talbiet jew bozoz li jressaq hu isiru qabel ta'

kunsilliera oħra, imma jippretenid li dawn isiru fl-istess perijodu kif isiru ta' ħaddieħor. Il-Viċi Sindku talab lis-Sindku sabiex jiġbidlu l-attenzjoni biex dawn l-affarijeit ma jirrepetux ruħhom.

33.4.4 Il-membru Debrincat qabel ma' dak li kien qed jgħid il-Viċi Sindku u qal li l-ebda kuntrattur m'għandu jiddeċiedi waħdu lill-liema Kunsillier għandu jaqdi l-ewwel. Il-kuntratturi ghandhom dejjem jimxu fuq il-gwida tas-Segretarju Eżekuttiv kif dejjem sar.

33.4.5 Is-Sindku qal li daħal fil-kwistjoni ta' Triq Francesco Masini sabiex tissolva kemm jista' jkun malajr peress li kien ilha ħafna pendenti. Żied jgħid li mar mal-kuntrattur fuq il-post fejn kien hemm resident li aċċetta li din teħel mal-faċċata tal-appartament tiegħu u b'hekk ġie evitat li jitpoġġa arblu u jsiru trinek bla bżonn.

33.4.6 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-kwistjoni twalet peress li l-kuntrattur ma kienx konsistenti f' li qal peress li ġieli qal li tista' teħel mal-bini u ġieli qal li r-residenti m'aċċettawx li teħel mal-bini. Azzopardi qal ukoll li kien hemm mumenti fejn il-kuntrattur kien qed jinjora apposta t-telefonati li jsirulu mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u anke' telefonati li kien qed jagħmillu hu personalment.

33.4.7 Tqajmet il-kwistjoni fejn l-istess kuntrattur ikkonsulta mal-membru Buttigieg sabiex jeħlu erba' fanali mal-bibien tal-ġnub tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-kuntrattur ried jieħu l-permess mill-Kunsill qabel jeħlu dawn il-fanali u mhux jieħu direttiva minn membru tal-Kunsill, liema direttiva ma kien jaf biha ħadd. Il-membri iċċaraw li zgur li kienu jaqblu li dawn il-fanali jeħlu, pero' dan il-każ setgħa ħoloq preċedent fuq xogħlijiet oħra.

33.4.8 Il-membru Tabone ġibed l-attenzjoni li ħadd mill-membri tal-Kunsill m'għandhom javviċinaw kuntratturi u jgħaddulhom ordniijet li qatt ma jkun ġew mressqa waqt laqgħa tal-Kunsill.

**34.4 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 31 ta'Mejju, 2022.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv